DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/287

tas-27 ta' Frar 2020

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nru 10, 26, 28, 46, 48, 51, 55, 58, 59, 62, 79, 90, 106, 107, 110, 117, 121, 122, 128, 144, 148, 149, 150, 151 u 152, f'dak li għandu x'jaqsam mal-mal-proposti għal modifiki għar-Regolamenti Tekniċi Globali Nru 3, 6 u 16, f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Kkonsolidata R.E.5, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda għal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-Determinazzjoni tal-Potenza tal-Vetturi li jaħdmu bl-Elettriku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE [1], l-Unjoni aderixxiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (NU/KEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawk il-preskrizzjonijiet (il-"Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE [2], l-Unjoni aderixxiet mal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għal vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-"Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.

(3) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji tan-NU/KEE għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) jista' jadotta, kif applikabbli, il-proposti għal modifiki għar-Regolamenti adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (Regolamenti tan-NU) Nru 10, 26, 28, 46, 48, 51, 55, 58, 59, 62, 79, 90, 106, 107, 110, 117, 121, 122, 128, 144, 148, 149, 150, 151 u 152, il-proposti għal modifiki għar-Regolamenti Tekniċi Globali (GTR) Nru 3, 6 u 16, il-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Kkonsolidata R.E.5 u l-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda għal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-Determinazzjoni tal-Potenza tal-Vetturi li jaħdmu bl-Elettriku (DEVP).

(4) Waqt il-180 sessjoni tal-Forum Dinji li ser issir bejn l-10 u t-12 ta' Marzu 2020, id-WP.29 għandu jadotta l-atti msemmijin hawn fuq b'rabta mad-dispożizzjonijiet amministrattivi u mal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-approvazzjoni ta' Regolamenti tekniċi armonizzati tan-NU u GTR għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tal-proposti għal Regolamenti tan-NU, minħabba li r-Regolamenti tan-NU ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jkollhom il-kapaċità li jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

(6) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) issostitwiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura tal-approvazzjoni tal-Unjoni u stabbiliet qafas armonizzat li fih dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati l-ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat ir-Regolamenti tan-NU fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, jew bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE 'l hawn, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

(7) Fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi tekniċi, jeħtieġ li jiġu emendati jew issupplimentati r-rekwiżiti marbutin ma' ċerti elementi jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti tan-NU Nru 10, 26, 28, 46, 48, 51, 55, 58, 59, 62, 79, 90, 106, 107, 110, 117, 121, 122, 128, 144, 148, 149, 150, 151 u 152. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet fital-GTR Nru 3, 6 u 16. Fl-aħħar nett, jeħtieġli jiġu adottati l-emendi għar-Riżoluzzjoni Kkonsolidata R.E.5 u l-awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda għall-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id- DEVP.

(8) Id-dokument ta' ħidma tad-WP.29 bin-numru ta' referenza ECE/TRANS/WP.29/2020/25 għandu x'jaqsam ma' proposta għas-Suppliment 2 għar-Regolament tan-NU Nru 144 (Sistemi tas-Sejħiet ta' Emerġenza f'każ ta' Inċidenti), li għadha mhix lesta biex jittieħed vot dwarha fid-WP.29.

(9) Id-dokument ta' ħidma tad-WP.29 bin-numru ta' referenza ECE/TRANS/WP.29/2020/2 għandu x'jaqsam ma' proposta għas-Suppliment 1 għas-serje 08 ta' emendi għar-Regolamenttan-NU Nu 9(L-Istorbju mill-Vetturi bi Tliet Roti). Minħabba li l-Unjoni mhix qed tapplika d-dispożizzjonijiet uniformi tar-Regolament tan-NU Nru 9, m'hemmx bżonn tiġi stabbilita pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-proposta ECE/TRANS/WP.29/2020/2,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 waqt il-180 sessjoni tiegħu li ser issir bejn l-10 u t-12 ta' Marzu 2020 għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 waqt il-180 sessjoni tiegħu li ser issir bejn l-10 u t-12 ta' Marzu 2020 għandha tkun li tivvota kontra l-proposta għas-Suppliment 2 għar-Regolament Nru 144 tan-NU (Sistemi tas-Sejħiet ta' Emerġenza f'każ ta' Inċidenti, dokument ta' ħidma ECE/TRANS/WP.29/2020/25).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
D. HORVAT

([3]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru") (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

ANNESS

Numru tar-Regolament	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (1)
10	Proposta għas-Suppliment 1 għas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 10 (Il-kompatibbiltà elettromanjetika)	ECE/TRANS/WP.29/2020/30
26	Proposta għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 26 (Il-projezzjonijiet esterni tal-karozzi tal-passiġġieri)	ECE/TRANS/WP.29/2020/26
26	Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 26 (Il-projezzjonijiet esterni tal-karozzi tal-passiġġieri)	ECE/TRANS/WP.29/2020/15
28	Proposta għas-Suppliment 6 għas-serje oriġinali ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 28 (L-apparat ta' twissija li jinstema')	ECE/TRANS/WP.29/2020/3
46	Proposta għas-Suppliment 7 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 46(L-apparat għall-viżjoni indiretta)	ECE/TRANS/WP.29/2020/16
46	Proposta għas-Suppliment 8 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 46 (L-apparat għall-viżjoni indiretta)	ECE/TRANS/WP.29/2020/17
48	Proposta għal serje 07 ġdida ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 48 (L-installazzjoni tad-dwal u tal-apparat għas-sinjalar bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2020/36, WP.29-180-07
51	Proposta għas-Suppliment 6 għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 51 (L-istorbju mill-vetturi tal-kategoriji M u N)	ECE/TRANS/WP.29/2020/4
55	Proposta għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 55 (L-akkoppjamenti mekkaniċi)	ECE/TRANS/WP.29/2020/27
58	Proposta għas-Suppliment 1 għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 58 (L-apparat ta' protezzjoni ta' wara kontra l-underrun)	ECE/TRANS/WP.29/2020/19
59	Proposta għal serje 03 ġdida ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 59 (Is-sistemi ta' sostituzzjoni tas-sajlenser)	ECE/TRANS/WP.29/2020/7
62	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 62 (Is-sistemi kontra s-serq (għall-mopeds u għall-muturi))	ECE/TRANS/WP.29/2020/28
79	Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 79 (It-tagħmir tal-istering)	ECE/TRANS/WP.29/2020/11
90	Proposta għas-Suppliment 5 għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 90 (Il-partijiet ta' sostituzzjoni tal-ibbrejkjar)	ECE/TRANS/WP.29/2020/8
106	Proposta għas-Suppliment 18 għas-serje oriġinali ta' emendi għar-Regolament Nru 106 tan-NU (It-tajers għall-vetturi agrikoli)	ECE/TRANS/WP.29/2020/5
107	Proposta għas-Suppliment 9 għas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan- NU Nru 107 (Il-vetturi tat-tip M2 u M3)	ECE/TRANS/WP.29/2020/12

Numru tar-Regolament	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument [1]
107	Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 07 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 107 (Il-vetturi tat-tip M2 u M3)	ECE/TRANS/WP.29/2020/13
107	Proposta għas-Suppliment 3 għas-serje 08 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 107 (Il-vetturi tat-tip M2 u M3)	ECE/TRANS/WP.29/2020/14
110	Proposta għas-Suppliment 1 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan- NU Nru 110 (Il-vetturi tas-CNG u tal-LNG)	ECE/TRANS/WP.29/2020/20
110	Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 110 (Il-vetturi tas-CNG u tal-LNG)	ECE/TRANS/WP.29/2020/21
117	Proposta għas-Suppliment 11 għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 117 (Ir-reżistenza tat-tajers għad-dawrien, l-istorbju tad-dawrien tagħhom u l-qabda tagħhom fuq l-imxarrab)	ECE/TRANS/WP.29/2020/6
121	Proposta għas-Suppliment 4 għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 121 (L-identifikazzjoni tal-kontrolli, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi)	ECE/TRANS/WP.29/2020/22
122	Proposta għas-Suppliment 6 għar-Regolament tan-NU Nru 122 (Is-sistemi tat-tiswin)	ECE/TRANS/WP.29/2020/23
128	Proposta għas-Suppliment 10 għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 128	ECE/TRANS/WP.29/2020/31
144	Proposta għas-Suppliment 1 għar-Regolament tan-NU Nru 144 (Is-Sistemi tas-Sejħiet ta' Emerġenza f'każ ta' Inċidenti)	ECE/TRANS/WP.29/2020/24
144	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 144 (Is-Sistemi tas-Sejħiet ta' Emerġenza f'każ ta' Inċidenti)	ECE/TRANS/WP.29/2020/29
148	Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 148 dwar l-apparat għas-sinjalar bid-dawl (LSD)	ECE/TRANS/WP.29/2020/32
149	Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 149 dwar l-apparat għat-tidwil tat-toroq (RID)	ECE/TRANS/WP.29/2020/33
150	Proposta għas-Suppliment 2 għas-serje oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 150 dwar l-apparat retroriflettiv (RRD)	ECE/TRANS/WP.29/2020/34
151	Proposta għas-Suppliment 1 għar-Regolament tan-NU Nru 151 (Is-sistemi ta' informazzjoni dwar il-punti moħbija (BSIS))	ECE/TRANS/WP.29/2020/18, WP.29-180-05
152	Proposta għas-Suppliment 1 għar-Regolament tan-NU Nru 152 (Is-sistema avvanzata għall-ibbrejkjar f'emerġenza (l-AEBS) għall-vetturi tat-tip M1 u N1)	ECE/TRANS/WP.29/2020/9
152	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 152 (Is-sistema avvanzata għall-ibbrejkjar f'emerġenza (l-AEBS) għall-vetturi tat-tip M1 u N1)	ECE/TRANS/WP.29/2020/10

[1] Id-dokumenti kollha msemmijin fit-tabella jinsabu fis-sit li ġej: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/gen2020.html.

Numru tal-GTR	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
3	Proposta għall-Emenda Nru 4 għall-GTR Nru 3 (Is-sistemi tal-ibbrejkjar tal-muturi)	ECE/TRANS/WP.29/2020/47
	Proposta għar-rapport tekniku għall-Emenda nru 4 għall-GTR Nru 3 (Is-sistemi tal-ibbrejkjar tal-muturi)	ECE/TRANS/WP.29/2020/48
	L-awtorizzazzjoni biex jiġu żviluppati emendi għall-GTR Nru 3	ECE/TRANS/WP.29/AC.3/47
6	Proposta għall-Emenda Nru 2 għall-GTR Nru 6 (Il-ħġieġ tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2020/43
	Proposta għar-rapport tekniku għall-Emenda Nru 2 għall-GTR Nru 6 (Il-ħġieġ tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2020/44
	L-awtorizzazzjoni biex jiġu żviluppati emendi għall-GTR Nru 6	ECE/TRANS/WP.29/AC.3/52
6	Proposta għall-Emenda Nru 3 għall-GTR Nru 6 (Il-ħġieġ tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2020/45
	Proposta għar-rapport tekniku għall-Emenda Nru 3 għall-GTR Nru 6 (Il-ħġieġ tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2020/46
	L-awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata emenda għall-GTR Nru 6	ECE/TRANS/WP.29/AC.3/52
16	Proposta għall-emenda nru 2 tal-GTR Nru 16 (It-tajers)	ECE/TRANS/WP.29/2020/41
	Proposta għar-rapport tekniku għall-Emenda Nru 2 għall-GTR Nru 16 (It-tajers)	ECE/TRANS/WP.29/2020/42
	L-awtorizzazzjoni biex jiġu żviluppati emendi għall-GTR Nru 16	ECE/TRANS/WP.29/AC.3/48/Rev.1

Numru tar-Riżoluzzjoni	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
R.E.5	Proposta għall-emenda nru 5 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni tal-kategoriji tas-sorsi tad-dawl (R.E.5)	ECE/TRANS/WP.29/2020/37

Affarijiet oħrajn	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
	L-awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata emenda għall-GTR Nru 6 (Il-ħġieġ tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/AC.3/55
	L-awtorizzazzjoni riveduta biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-DEVP	ECE/TRANS/WP.29/AC.3/53/Rev.1